# Odessa

(waqt vjaġġ fuq vapur fil-Baħar l-Iswed)

Hawn minn ħalq l-Ukranja
deħlin
ħerġin kuljum
bil-qmuħ tal-ġuħ l-istivi tal-baħħara

u Pushkin bejn is-siġar
ta' belveder bilwieqfa
jgħasses lil Shevchenko tal-ħadid
iferra' taħt għajnejh
il-għatx
fuq l-art-i ta' madwar
minn hawn il- "Babi Yar" ta' Yevtushenko
rat id-dawl fil-belt 'il fuq
li titma l-Iswed
u jgelgel l-għana mill-qalb għall-fomm
mil-lvant sa truf dal-globu
jaf Pushkin li b'għajnejh
'il bogħod ifittex fil-Krimea
lil oħrajn
hemm se jeħodni l-mewġ (lejn Jalta sbejħa
nixxaħxaħ fid-dell ta' Chekov fl-aħħar jiem
nistrieħ fejn Tolstoi gebbeb ruħu fil-miżien
tal-fama
ninħeba fil-ballut u s-siġra mneżżgħa
u nfittex fil-Palazz ta' Lakadija
l-ilħna tat-Tlieta l-Kbar
li darba
kitbu l-paċi...

***Charles Coleiro***

(*F'din il-poeżija l-poeta jagħmel dawra sħiħa mal-letteratura Russa u jitfa' ħjiel ta' storja skond il-perċezzjoni tiegħu meta kien fl-Ukrajna li hija mimlija monumenti. "Pushkin bejn is-siġar" tfisser il-monument tal-bronż fil-park nazzjonali ta' Odessa; "Schevchenko tal-ħadid" hija riferenza għall-vapur li kien fuqu, imsemmi għall-awtur Taras Schevchenko; "il-Palazz ta' Lakadija" huwa l-post fejn Churchill, Roosevelt, u Stalin iffirmaw il-ftehim għat-tmiem tat-Tieni Gwerra Dinjija.)